**Qorti tal-Appell Kriminali**

**Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)**

**Appell Nru: 209 / 2021**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Emanuel Sammut**

Illum 14 ta' Ottubru 2021

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant Emanuel Sammut u detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 727758 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar it 8 t'Ottubru 2020 u fix-xhur ta' qabel gewwa Lilly of the Valley, Triq Mons. Indri Fenech, Mellieha:

1. Bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi, izda biss biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorità tieghu nnifsu lil Daren Taliana ihallas dejn, jew jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lill-istess Daren Taliana fil-pussess ta' hwejgu, jew hatt bini, jew b' xi mod iehor kontra l-ligi ndahal fi hwejgu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-6 ta' Lulju, 2021, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 85 (1) tal-Kodici Kriminali

iddikjarat lill-imputat Emanuel Sammut hati tal-imputazzjoni dedotta fil-konfront tieghu u kkundannatu ghall-hlas ta' mitt ewro (€100) multa.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Emanuel Sammut, ipprezentat fir-Registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar id-9 ta' Lulju, 2021, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata sabiex b' hekk tillibera lill-appellanti minn l-akkuza migjuba kontra tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravju huma cari u manifest u jikkonsisti fis-segwenti:

1. L-appellanti ma' kkometta ebda ksur taht l-Artikolu 85 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-semplici raguni li huwa ma' biddel ebda serratura tal-blokka appartamenti fejn jghix ukoll ma' persuni ohra l-parte civile. Illi c-cwievet il-godda nghataw kollha lis-sidien u l-*parte civile*, li huwa biss inkwilin ippretenda li huwa jinghata c-cavetta minflok dina ma' nghatat lis-sid mnejn jikri huwa. Illi l-esponenti ghajr ghal fatt li kien presenti mal-persuna li biddel is-serratura ma'ghandu assolutament xejn x' jaqsam ma' dina l-affari u ghalhekk huwa hass ruhu aggravat ferm meta l-Ewwel Qorti sabitu hati tal-akkuza migjuba kontra tieghu;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kawza u dan fis-seduta tat-28 ta' Settembru, 2021.

Ikkunsidrat,

Illi minn ezami tar-rikors tal-appell tar-rikorrenti jirrizulta li r-rikorrenti huwa tal-fehma li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-fatti u ghalhekk waslet ghal gudizzju hazin meta hija sabet lir-rikorrenti appellant hati tal-akkuza ta' *raggion fattasi* migjuba kontra tieghu.

Din il-Qorti tirribadixxi illi huwa prinċipju stabbilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti li hija ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmula mill-Ewwel Qorti

jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet raggjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx raggjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk, izda, din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-Ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx raggjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

Illi ezaminati ghalhekk mill-gdid il-fatti tal-kaz u mismugha x-xhieda li iddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, jirrizulta mill-atti probatorji illi nhar is-16 ta' Frar 2021 **Daren Taliana** kien mar jirraporta l-ghassa tal-pulizija tad-distrett tal Qawra li l-appellant kien biddel serratura tal-bieb tal-komun li jaghti ghal gol-appartament u dan nhar it-8 ta' Ottubru, 2020. Dan stqarr li dakinhar stess beda jisma xi hsejjes gejjin mill-bieb tal-komun u ghalhekk ittawwal u ra lill-appellant ibiddel is-serratura pero' ma kelmux. Meta dan wasal biex johrog mill-flat induna li ma kienx ser ikun possibbli ghalih li jidhol gewwa l-flat. Ghalhekk hareg ikellem lill-appellant minn gol-galleraija tieghu u staqsih ghal kopja tac-cavetta. L-appellant qallu biex ma jkelmux izda biex ikellem lis-sid tal-appartament minghand min jikri l-flat. Dan Taliana zied jghid li fl-ebda hin ma gie nfurmat li kien ser ikun hemm tibdil fis-serratura. L-appellant gie ukoll mitkellem minn PS 671 waqt l-investigazzjoni u dan stqarr mieghu li in effetti u ma biddel l-ebda serratura izda din inbidlet fuq rikjesta ta' sitt min nies li huma lkoll sidien tal-flats li hemm f'din il-blokka u mhux hekk biss izda l-hlas ghal tali tibdil sar mis-sidien kollha.

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib, 15 ta' Jannar 2009; Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili, 19 ta' Gunju 2008; Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter, 14 ta' Dicembru 2004 Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa, 16 ta' Ottubru 2003; Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez u r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina 24 ta' April 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak 23 ta' Jannar 2003, Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed, 5 ta' Lulju 2002; Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino, 7 ta' Marzu 2000, Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt, 1 ta' Dicembru 1994; u Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi, 14 ta' Frar 1989; u lAppelli Kriminali Inferjuri: Il-Pulizija v. Andrew George Stone, 12 ta' Mejju 2004, Il-Pulizija v. Anthony Bartolo, 6 ta' Mejju 2004; Il-Pulizija v. Maurice Saliba, 30 ta' April 2004; Il-Pulizija v. Saviour Cutajar, 30 ta' Marzu 2004; Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et, 21 ta' Ottubru 1996; Il-Pulizija v. Raymond Psaila et, 12 ta' Mejju 1994; Il-Pulizija v. Simon Paris, 15 ta' Lulju 1996; Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace, 31 ta' Mejju 1991; Il-Pulizija v. Anthony Zammit, 31 ta' Mejju 1991

Il-kwerelant meta xehed viva voce il-Qorti, gie mistoqsi jekk rax lill-appellant ibiddel is-serratura dan jghid li rah u rah jghamel hekk nhar it-8 ta' Ottubru 2021. Qal li ma kelmux dak il-hin ghaliex ippretenda li jinghata kopja tac-cavetta l-gdida. Mistoqsi jekk jikrix minghand l-appellant jghid li le. L-appellant meta xehed jghid li s-serratura tal-blokka kellha xi hsarat u s-sidien tal-blokka qablu li din kellha tinbidel. Stqarr li lil kwerelant ma jafux bhala sid minkejja li diehel u hiereg. Jaf lil sid il-flat certu Kenneth Attard. Qal li s-serratura inbidlet min technician certu Joe Sciberras. Qal li qaghad hemm biex jara li ma jhallix il-bieb miftuh. Mistoqsi jekk tax kopja tac-cavetta lil Kenneth Attard jghid li ma tah xejn ghaliex ma kienx hu li biddel is-serratura. Wara jghid li ta kopja tac-cavetta lil Kenneth Attard izda jekk dan Attard ghaddhiex kopja lill-kwerelant ma jafx. Qal huwa kien fuq il-post mhux ghax inzerta li kien hemm izda mar hemm biex jghin lit-technician iwahhal is-serratura.

L-elementi tar-reat ipotizzat fl-artikolu 85 tal-Kodici Kriminali huma erbgha. Dawn l-elementi ilhom hekk meqjusa sa mill-1944 mis-sentenza **Il-Pulizija vs Giuseppe Bonavia et**[2] ;
"L-insenjament emergenti mis-sentenza appena citata hu li r-reat in dizamina jehtieg il-konkorrenza tas-segwenti erba elementi:
a) att estern li jimpedixxi persuna ohra minn dritt li hija tgawdi u li jkun sar bid-dissens esplicitu jew implicitu ta' dik il-persuna;
b) l-imputat irid jemmen li qed jagixxi bi dritt;
c) ix-xjenza tal-imputat li qed jiehu b'idejh dak li suppost jiehu tramite l-process legali;
d) li l-att ma jinkwadrax ruhu f'reat aktar gravi.

Matul is-snin dawn l-elementi assumew xi tibdil fil-mod kif inhuma deskritti, izda fil-fehma tal-Qorti dan ma jbiddel xejn mis-sustanza taghhom. (ara per ezemplari **Il-Pulizija vs Carmel mgharuf bhala Charles Farrugia** [3]; **Il-Pulizija vs Reno Micallef** [4] u **Il-Pulizija vs Mark John Sciberras** [5];

[2] App Krim 14.10.1944 riportata fil-Vol. XXXII – IV, p.768
[3] App Krim 17.2.1995
[4] App Krim 6.6.95
[5] App Krim 18.9.2002;

L-ewwel element: att estern li jispolja lil xi hadd minn xi haga li ikun qieghed igawdi, liema att ikun esegwit kontra l-opposizzjoni, espressa jew prezunta, ta' dan il-hadd iehor. Huwa fatt ammess mill-imputat appellant illi inbidlet is-serratura tal-komun fejn il-kwerelant kellu mikri lilu appartament u wara li nbidlet is-serratura, dan gie priv milli ikompli mit-tgawdija libera tal-appartament mikri lilu ghaliex id-dhul u hrug mill-blokk a kien limitat kuntrarjament ghal dak li kien qed igawdi qabel ma inbidlet is-serratura. Issa, l-parte civile xehed li fil-passat ma kellux problema biex jaccessa l-appartament mikri lilu u li hadd ma tah kopja tac-cavetta tas-serratura gdida. Di piu jirrizulta li in effetti s-sidien tal-blokka kollha inghataw kopja tac-cavetta skond dak li stqarr l-appellant pero' huwa ma hassx li kellu jghati kopja tas-serratura ghaliex huwa biss l-inkwilin u mhux is-sid.

Fit-tieni element jehtieg li tkun pruvata: il-kredenza li l-att qed isir b'ezercizzju ta' dritt. Minn dak li semghet il-Qorti, l-agir tal-appellanti ma jistghax jitqies b'dan l-animu. U hawn jorbot ma' dak osservat supra illi kien hemm l-intendiment li titbiddel is-serratura tal-blokka ghaliex jghid li kellha l-hsara izda dan sar minghajr il-kunsens tal-istess parte civile. Waqt ix-xogholijiet, il-haddiem tal-imputat m'hemmx dubbju li inghata struzzjonijiet sabiex inehhi s-serratura li kien hemm tant li kien hu li ghenu jghamel dan ix-xoghol u jissorvelja dak li kien ghaddej - dan hu ammess minnu stess.

Kif spjegat imbaghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mario Lungaro** [6], "Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bhala intenzjoni specifika jew intenzjoni generika. Fi kliem il-gurista **Antolisei**:

*"Quanto all-elemento soggettivo generalmente si afferma che occorre un dolo specifico, il-quale sarebbe costituito dal fine di esercitare un preteso diritto, invero non e' altro che l'intenzione di farsi ragione da se' medesimo, e siccome questo "farsi ragione ecc." Non e' un quid che sta al di la' del fatto che costitusico il reato, ma il fatto medesino (azione ed evento), il-dolo richiesto deve ritenersi generico, e non specifico[7]"*.

Kif spjegat mill-appellant fid-deposizzjoni tieghu bhala sid ta' appartament fil-blokka kellu l-interess li tinbidel is-serratura ghaliex allegatament dik il-kien hemm

[6] App Krim 15.11.1996

[7] Antolisei, F., Manuale di Diritto Privato – Parte speciale, Vol II, Giuffre' (Milano) 1986, p.968

imwahhla qabel kellha il-hsara. Qatt ma jghid li ma kienx jaf li l-kwerelanti ma kellux dritt jghaddi minn dan il-bieb tal-komun. Dawn il-fatti huma sintomatici ta' azzjoni maghmula bl-animu spoljattiv u bil-kredenza ta' dritt spettanti lilu minkejja li kien jaf li l-kwerelant kellu dritt jghaddi minn dan il-bieb tal-komun biex jaccessa l-appartament mikri lilu.

Fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Denise Caruana**[8] intqal hekk:
*"...... kwistjonijiet dwar titolu ma jistghux ikollhom effett sabiex tigi stabbilita jew eskluza ir-reita'.*

Dan ghaliex dak li trid tindaga il-Qorti huwa jekk kienx jezisti stat ta' fatt li gie mibdul unilateralment minn parti wahda tant illi l-vittma ta' dan ir-reat tigi ipprivata mill-uzu jew tgawdija ta'l-oggett li kien fil-pussess taghha qabel dak l-att spoljattiv......Illi l-elementi tar-reat in dizamina gew migbura mill-Ewwel Qorti fid-decizjoni taghha, liema esposizzjoni tad-dritt hija dettaljata tant illi din il-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar fir-rigward. Ma hemmx dubbju kif tajjeb osservat l-ewwel Qorti li l-appellant ma tax kopja tac-cavetta lill-kwerelant ghaliex is-sid ma hallasx sehmu mill-ispejjez ghat-tibdil tas-serratura. Din il-Qorti pero' taqbel ma l-Ewwel Qorti meta qalet li din il-materja m'ghandhiex ikollha widen ghaliex bhala fatt jirrizulta li l-kwerelant gie negat l-access mill-bieb in kwisjtoni bit-tibdil tas-serratura meta qabel dan it-tibdil huwa kien igawdi mill-access.

Jigi osservat biss illi din il-Qorti tghid li r-reat kontemplat fl-Artikolu 85 tal-Kodici Kriminali ma hux intiz biex jissostitwixxi l-azzjonijiet rivendikatorji jew xort'ohra li bihom dak li jkun jikseb ir-rikonoxximent tad-drittijiet tieghu fi jew fuq proprjeta`, mobbli jew immobbli. *"Izda l-Artikolu 85 huwa intiz biex dak li jkun ma jiehux il-ligi b'idejh, u ghalhekk l-iskop wara din id-disposizzjoni – bhad-disposizzjonijiet fil-kamp civili dwar l-actio spolii – huwa li tipprotegi l-istatus quo.*[9]*"....*

---

[8] Deciza 30.11.2016 per Onor Imhallef Dr. Edwina Grima
[9] Il-Pulizija vs Jane Scicluna App.Inf.

*"Għall-finijiet tar-reat ta' ragion fattasi 'il-pussess materjali, jew detenzjoni, hu sufficjenti għall-avverament tal-ipotesi tal-liġi'* (ara appell kriminali **Il-Pulizija vs George Zahra**[10]**)**. Min ikollu oġġett misluf lilu għat-tgawdija tiegħu għandu l-pussess materjali ta' dak l-oġġett. Taħt l-artikolu 85 tal-Kodiċi Kriminali ***ma hemm ebda bżonn li jiġi ippruvat xi element ta' pussess aktar sostanzjali minn hekk***.[11]" [emfażi tal-Qorti]

Fit-tielet element jeħtieġ li jkun hemm il-koxjenza fl-aġent li hu qiegħed jagħmel *di private braccio* dak li jmissu jsir permezz ta' l-awtorita` pubblika (jew, fi kliem il-**Crivellari,** *'la persuasione di fare da se` cio` che dovrebbe farsi reclamando l'opera del Magistrato*[12]'. F'dan ir-rigward jirriżulta li l-appellant kien jaf li l-kwerelant kellu dritt ikollu kopja taċ-ċavetta tas-serratura tal-bieb tal-komun meta kien jaf li l-kwerelant kien jgħaddi minn hemm tant li kien jaraħ dieħel u ħiereġ. Kif ippretenda li jidħol l-appellant mingħajr ma ngħata kopja taċ-ċavetta. L-argument tiegħu li ta kopja lis-sid ma għandu x'jaqsam xejn mad-dritt li għandu l-inkwilin li jkollu kopja taċ-ċavetta tas-serratura tal-komun jekk qabel ma għamel l-atti spoljattiv l-appellant huwa ġja kellu access. Għalhekk semmai jekk ħaseb li l-inkwilin ma kellux ikollu kopja ta' din is-serratura kuntrarjament għad-dritt li kellu qabel kellu jadixxi l-awtorita' tal-Qorti biex jingħata direzzjoni dwar dak li ppretenda li kellu dritt jagħmel.

Ir-raba' element rikjesta għall-eżistenza ta' dan ir-reat huwa n-nuqqas ta' titolu li jirrendi l-fatt aktar gravi (ara, fost diversi sentenzi, **Il-Pulizija vs. Salvatore Farrugia**[13]; **Il-Pulizija vs. Carmel sive Charles Farrugia**[14]; **Il-Pulizija vs. Carmelo Ciantar**[15, 16]). *Hu risaput - u dan, del resto, joħroġ mill-istess definizzjoni tar-reat in diżamina - li l-istess att materjali jista' jagħti lok għar-reat ta' ragion fattasi jew għal reat ieħor (ħsara volontarja, serq), u jekk ikunx hemm dana r-reat ta' ragion fattasi jew xi reat ieħor ikun jiddependi mill-intenzjoni tal-aġent. Hu rrelevanti jekk dina l-intenzjoni tikkwalifikax bħala intenzjoni speċifika jew intenzjoni ġenerika*[17]".

---

[10] 16 ta' Lulju 1958 – Vol. XLII.iv.1453
[11] Appell Kriminali il-Pulizija vs Mario Bezzina dec 26/05/2004
[12] Il Codice Penale per il Regno d'Italia Interpretato ecc., Torino, 1895, Vol. VI, pagna 749
[13] Appell Kriminali 14 ta' Diċembru, 1957, Vol. XLI.iv.1506
[14] Appell Kriminali 17 ta' Frar, 1995
[15] 18 ta' Settembru, 1996
[16] ara wkoll Falzon, G., Annotazioni alle Leggi Criminali (Malta), 1872, p. 123
[17] Appell Kriminali Il-Pulizija vs. Mario Lungaro, 18 ta' Novembru, 1996.

F'dan il-kaz ghalkemm seta' forsi kien hemm reat iehor bhal dak ta' hsara volontarja dan ma sehhx pero' huwa car li l-intenzjoni tal-appellant kienet wahda u cioe li jippriva lill-appellant mill-access liberu li kellu. Huwa minnu kif stqarret l-Ewwel Qorti li l-appellant ippretenda li seta' ma jaghtix kopja tac-cavetta lil-kwerelant ghar-ragunijiet spjegati minnu, liema ragunijiet moghtija minnu kienu kollha zbaljati.

Ghalhekk din il-Qorti qeghda tikkonferma s-sentenza moghtija mill-Ewwel Qorti kemm fir-rigward ta' mertu kif ukoll fir-rigward tal-piena imposta minnha bhala konsegwenza tal-htija u ghahekk qeghda tichad l-appell tal-appellant.

Consuelo Scerri Herrera
Imhallef

Nadia Ciappara
Deputat Registratur